C/2026/5957

10.11.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/5957)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Baden"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-DE-A1264-AM02 — 17.9.2026

1. **Isem il-prodott**

Baden

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Settur**

☐ Prodotti agrikoli

☑ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

Il-Ġermanja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru Federali għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Identità Reġjonali (BMLEH)

Isem

L-Uffiċċju Federali għall-Agrikoltura u l-Ikel (BLE)

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li l-applikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) 2024/1143.

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott huma emendi standard skont id-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 24(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

L-applikazzjoni għal emenda tad-DOP Baden ma tinvolvi l-ebda waħda mit-tliet sitwazzjonijiet li jikkostitwixxu emenda tal-Unjoni; speċifikament:

(a) ma tinkludix bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem, jew fil-kategorija ta' prodott jew prodotti identifikati bl-indikazzjoni ġeografika;

(b) ma tirriskjax li xxejjen ir-rabta maż-żona ġeografika;

(c) ma tinvolvix restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

Għalhekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li l-applikazzjoni hija għal emenda standard.

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Deskrizzjoni tal-inbid

Deskrizzjoni

Ġew deskritti l-karatteristiċi organolettika tal-prodotti varji.

Ġustifikazzjoni:

Id-deskrizzjonijiet tal-karatteristiċi organolettiċi tal-inbejjed saru aktar distinti sabiex jirriflettu aħjar il-prodotti differenti. L-għan huwa li l-ewwel nett jiġu enfasizzati l-karatteristiċi organolettiċi individwali tal-prodotti u t-tieni l-bosta aspetti tagħhom. Għall-kuntrarju tad-deskrizzjoni sa issa, il-karatteristiċi individwali jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod aktar speċifiku u konċiż.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Prattiki enoloġiċi speċifiċi

Deskrizzjoni

L-informazzjoni preċedenti tħassret u issa saret referenza għal-leġiżlazzjoni kurrenti dwar prattiki enoloġiċi speċifiċi, restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tal-inbid u prattiki tal-kultivazzjoni.

Ġustifikazzjoni:

Ir-referenza għal-leġiżlazzjoni kurrenti tevita r-riproduzzjoni tal-leġiżlazzjoni kelma b'kelma fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, kif sar preċedentement. Għalhekk l-ispeċifikazzjoni tal-prodott saret aktar konċiża u aktar ċara għall-qarrej, li mad-daqqa t'għajn jista' jara li l-ebda restrizzjoni ma tmur lil hinn mil-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rendiment massimu għal kull ettaru

Deskrizzjoni

Flimkien mar-regoli eżistenti, żdiedet il-possibbiltà li l-assoċjazzjoni tal-protezzjoni tad-DOP Baden iżżid jew tnaqqas ir-rendiment massimu għal kull ettaru fis-snin li fihom iseħħu kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonali. Tali deċiżjonijiet huma limitati għall-vendemmja rispettiva u se jiġu ppubblikati kif xieraq skont il-prassi lokali.

Ġustifikazzjoni:

Din il-possibbiltà ġdida li jiżdied jew jitnaqqas ir-rendiment massimu għal kull ettaru fis-snin li fihom iseħħu kundizzjonijiet tat-temp eċċezzjonali se tippermetti li l-assoċjazzjoni tal-protezzjoni tirreaġixxi b'mod aktar xieraq għal eventi ta' temp estrem. Bl-avvanz tat-tibdil fil-klima, li qed jippreżenta dejjem aktar sfidi għall-vitikulturi, din l-għażla l-ġdida hija mezz utli ta' kif tista' ssir reazzjoni b'mod flessibbli għal kriżijiet tat-temp futuri.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Varjetajiet ta' għeneb tal-inbid

Deskrizzjoni

Fil-futur, il-varjetajiet ta' għeneb se jiġu elenkati taħt l-intestaturi "varjetajiet ta' għeneb abjad" u "varjetajiet ta' għeneb aħmar" minflok "inbejjed bojod" u "inbejjed ħomor u rożè".

Żdiedu l-varjetajiet li ġejjin taħt “varjetajiet ta’ għeneb abjad”:

Alvarinho, Blauer Silvaner, Blütenmuskateller, Cabernet Blanc, Calardis Blanc, Chardonel, Completer, Donauriesling, Felicia, Fidelio, FR 391-52, FR 523-52, Glera, Goldmuskateller, Grüner Adelfränkisch, Grüner Veltliner, Grünfränkisch, Hecker, Hibernal, Hölder, Huxelrebe, Juwel, Kernling, Manzoni Bianco, Melon, Morio Muskat, Muskat-Gutedel, Ortega, Ortlieber, Phoenix, Rabaner, Rieslaner, Rosa Chardonnay, Roter Müller-Thurgau, Roter Riesling, Ruling, Saphira, Sauvignac, Sauvignon Gris, Sauvitage, Savagnin Blanc, Seyval blanc, Siegerrebe, Veritage, WE 70-274-12, Weißer Elbling, Weißer Lagler, Weißer Räuschling, Zähringer.

Żdiedu l-varjetajiet li ġejjin taħt “varjetajiet ta’ għeneb aħmar”:

Accent, Barbera, Blauburger, Blauer Frühburgunder, Blauer Spätburgunder, Bolero, Cabaret Noir, Cabernet Cantor, Cabernet Carol, Cabernet Jura, Cabertin, Calabrese, Carignan Noir, Carillon, Diolinoir, Divico, Dolcetto, Domina, Färbertraube, FR 236-75r, FR 362-75r, FR 407-83r, FR 452-87r, FR 453-87r, FR 485-87r, FR 486-87r, FR 521-89r, FR 629-2005r, FR 652-2005r, FR 742-2006r, FR 748-2006r, Gm 674-1, Gm 7217-5, Grenache noir, Hartblau, Hegel, Kleiner Fränkischer Burgunder, Kolor, Laurot, Leon Millot, Levitage, Malbec, Marechal Foch, Marselan, Monastrell, Müllerrebe, Muskat-Trollinger, Nebbiolo, Petit Verdot, Pinot Nova, Pinotage, Pinotin, Piroso, Primitivo, Rondo, Sangiovese, Satin Noir, Tannat, Tinto Cao, Touriga Nacional, VB Cal 1-22, Vidoc, We 70-281-36, We 90-6-12, We 94-26-36.

Ġustifikazzjoni:

Fil-futur, il-varjetajiet ta’ għeneb se jiġu elenkati taħt l-intestaturi “varjetajiet ta’ għeneb abjad” u “varjetajiet ta’ għeneb aħmar” minflok “inbejjed bojod” u “inbejjed ħomor u rożè”, peress li hija l-lista ta’ varjetajiet ta’ għeneb fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott li tiddetermina jekk il-varjetajiet jistgħux jiġu kkultivati jew le, mhux il-prodott finali. Il-varjetajiet miżjudin ġodda qed jiġu kkultivati, diġà wrew l-adegwatezza tagħhom, u l-inbejjed li jsiru minnhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Rekwiżiti applikabbli skont il-leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali/rekwiżiti stabbiliti minn organizzazzjoni li tiġġestixxi d-DOP/l-IĠP

Deskrizzjoni

Deskrizzjoni:

Ġie ċċarat liema termini tradizzjonali huma obbligatorji u liema huma fakultattivi fuq it-tikkettar tal-inbejjed u tal-prodotti tal-inbid.

Ġustifikazzjoni:

Ir-regoli emendati dwar it-termini tradizzjonali għandhom l-għan li jiċċaraw ir-regoli dwar it-tikkettar għall-inbejjed u l-prodotti tal-inbid tad-DOP Baden fir-rigward tat-termini użati flimkien mad-denominazzjoni ta’ oriġini protetta eżistenti. L-emendi huma bbażati fuq aġġustament meħtieġ tal-leġiżlazzjoni kurrenti.

Deskrizzjoni:

Issa ġew stabbiliti r-regoli għall-unitajiet ġeografiċi iżgħar, li jiddeskrivu kif u sa liema punt ir-reġistru tal-vinji jipprovdi lista tal-ismijiet ta’ żoni, vinji fuq skala kbira u individwali u sistemi fil-beraħ li jistgħu jintużaw bħala unitajiet ġeografiċi iżgħar. Hija pprovduta spjegazzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tar-reġistru tal-vinji u l-bażijiet legali sottostanti għall-istabbiliment u ż-żamma tar-reġistru.

Ġustifikazzjoni:

Ir-regola fil-punt 10.2 tirreferi għar-reġistru tal-vinji bħala reġistru tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li huma iżgħar mid-DOP Baden. L-iskop ta’ din ir-referenza huwa biex jiġi ċċarat liema unitajiet ġeografiċi iżgħar jistgħu jintużaw flimkien mad-DOP Baden, tiġi spjegata l-funzjoni tar-reġistru tal-vinji bħala lista ta’ unitajiet ġeografiċi iżgħar u tiġi assenjata l-kompetenza kif xieraq.

Deskrizzjoni:

L-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiddikjara li nbid jista' jiġi kkummerċjalizzat b'indikazzjoni tal-varjetà tad-dielja biss jekk jintuża wkoll l-isem attwali tiegħu fuq it-tikkettar. Tistabbilixxi wkoll li l-coupage ma' razez ġodda huwa possibbli u li meta prodott ikun sar esklużivament minn għeneb minn razez ġodda, irid jiġi kkummerċjalizzat mingħajr ma tiġi indikata l-varjetà tad-dielja fuq it-tikketta.

Ġustifikazzjoni:

Ir-regola l-ġdida fil-punt 10.4 hija biex tippermetti li l-assoċjazzjoni tal-protezzjoni sssegwi l-għan li tagħmel il-kwalità għolja inerenti tal-prodotti tad-DOP Baden viżibbli wkoll fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti. Il-kummerċjalizzazzjoni mingħajr ma jintużaw l-ismijiet attwali u bl-użu tan-numri tar-razez biss tista' tħawwad lill-konsumaturi u timmina wkoll l-għan li l-prodotti jsiru aktar popolari. Għal din ir-raġuni, skont din ir-regola, l-assoċjazzjoni tal-protezzjoni għażlet li l-prodotti ma jiġux ittikkettati bin-numri tar-razez.

Deskrizzjoni:

Il-Punt 10.5 tal-Ispeċifikazzjoni tal-prodott *Qualitätswein* [inbid ta' kwalità], *Prädikatswein* [inbid b'attributi speċjali], *Qualitätsperlwein b.A.* [inbid semifrizzanti ta' kwalità minn reġjun definit], is-*Sekt b.A.* [inbid spumanti minn reġjun definit], *Qualitätslikörwein* [inbid likur ta' kwalità] u *Federweißer* [inbid abjad mhux imqaddem] bid-denominazzjoni ta' oriġini protetta Baden jistgħu jiġu prodotti f'lista partikolari ta' distretti rurali jew urbani barra miż-żona tal-produzzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta.

Ġie kkonfermat li l-prodotti koperti bid-DOP Baden prodoti barra miż-żona ġeografika definita għandhom l-istess proprjetajiet bħal dawk prodotti fiż-żona ġeografika definita.

Ġustifikazzjoni:

Din l-eċċezzjoni seħħet tul iż-żmien u hija riżultat tal-istruttura taż-żona tal-vitikultura li tkopri madwar 400 kilometru u tinkludi 9 lokalitajiet imxerrda b'mod mifrux. Minħabba diviżjoni storika tal-artijiet, il-vitikultura f'Baden hija karatterizzata wkoll b'għadd ġmielu ta' kantini żgħar tal-inbid u rata għolja ta' pproċessar kollettiv tal-għeneb. Għalhekk iż-żamma fil-kantina, il-ħżin u l-ipproċessar xi kultant ikunu iffokat tradizzjonalment f'faċilitajiet ċentrali jew speċjalizzati u mhux neċessarjament fiż-żona ġeografika definita.

Dan hu l-każ, b'mod partikolari, tal-inbid semifrizzanti u l-inbid spumanti ta' kwalità, fejn il-produzzjoni tagħhom tirrekjedi pressa, fermentazzjoni u teknoloġija ta' bbottiljar speċjalizzati jew tagħmir għall-fermentazzjoni sekondarja. Huwa wkoll il-każ tal-inbid likur, fejn il-produzzjoni tiegħu tirrekjedi tagħmir tekniku u enoloġiku speċifiku. Il-fermentazzjoni, il-ħżin, it-tkessih, l-istabbilizzazzjoni u l-kapaċità tal-ibbottiljar barra miż-żona DOP ta' Baden tintuża wkoll għall-produzzjoni tal-inbid u l-most tal-għeneb iffermentat parzjalment iridu jikkunsidraw l-istruttura tal-produtturi fuq skala żgħira.

Hija eċċezzjoni li tippermetti li jkomplu dawn it-tradizzjonijiet ta' produzzjoni. Barra minn hekk, l-oriġini tal-għeneb tibqa' mhux affettwata. L-għeneb irid jibqa' jiġi miż-żona ġeografika definita u jissodisfa r-rekwiżiti kollha tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Ir-reġistrazzjoni obbligatorja u l-kontrolli uffiċjali jiggarantixxu t-traċċabbiltà u l-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott anke meta l-produzzjoni ssir barra miż-żona ġeografika. Għalhekk l-eċċezzjoni ma testendix iż-żona ta' oriġini imma tapplika esklussivament għall-ipproċessar downstream.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Korp ta' kontroll

Deskrizzjoni

Il-korpi ta' kontroll u l-kompiti tagħhom tneħħew mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott u ġew elenkati f'dokument separat.

Ġustifikazzjoni:

Id-deskrizzjonijiet preċedenti tal-kompiti tal-korpi ta' kontroll individwali ma għadhomx jirriflettu s-sitwazzjoni kurrenti u jeħtieġ li jiġu aġġustati.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Oħrajn

Deskrizzjoni

Deskrizzjoni:

Saru bidliet editorjali f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE.

Is-siltiet fit-test li pproduċew mill-ġdid ir-regoli ġenerali tħassru u żdiedet referenza għal-"leġiżlazzjoni kurrenti".

Ġustifikazzjoni:

Kellhom isiru bidliet editorjali sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-UE.

Is-siltiet fit-test li pproduċew mill-ġdid ir-regoli ġenerali ġew emendati kif xieraq u issa żdiedet referenza sempliċiment għal-"leġiżlazzjoni kurrenti". Dan kien meħtieġ biex jiġi ċċarat f'liema postijiet l-ispeċifikazzjoni tal-prodott sempliċement irriproduċiet il-leġiżlazzjoni.

Deskrizzjoni:

L-istruttura tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott inġiebet konformi mad-dokument uniku.

Żdiedu jew tħassru ċerti lokalitajiet, iżda ma hemm l-ebda bidla fid-definizzjoni taż-żona. Hemm sempliċiment aġġornament tal-mappa tal-vitikultura li turi l-istatus quo taż-żona taħt id-dwieli u ż-żoni li preċedentement saret referenza għalihom bħala "Speckgürtel" (żoni tal-madwar). Barra minn hekk, il-lokalitajiet individwali ġew elenkati taħt iż-żoni rispettivi tagħhom fid-DOP Baden. Id-definizzjoni taż-żona deskritta fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġiet issupplimentata b'lista f'tabella tal-irqajja' li jikkostitwuha. Din tinsab fl-Anness.

Ġustifikazzjoni:

L-istruttura tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott inġiebet konformi mad-dokument uniku sabiex jittejjeb il-qari tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u tinkiseb konsistenza bejn iż-żewġ dokumenti f'termini tal-forma u l-kontenut tagħhom.

Deskrizzjoni:

Ir-rabta maż-żona ġiet iċċarata f'xi postijiet. Pereżempju, id-deskrizzjoni tal-kategorija "most tal-għeneb iffermentat parzjalment", li kienet diġà inkluża fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, ġiet estiża. Dawn il-bidliet jitqiesu bħala emendi standard f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/33 peress li ma jxejnux ir-rabta maż-żona ġeografika. Barra minn hekk, żdied it-terminu tradizzjonali "Federweißer".

Ġustifikazzjoni:

Id-definizzjoni taż-żona ma nbidlitx. Pjuttost, żdiedu xi lokalitajiet mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott minħabba li ġew stabbiliti biss riċentement wara riformi politiċi, jew minħabba li kienu tħallew barra bi żball, li jfisser li l-mappa tal-vitikultura ma kinitx kompluta. Tneħħew ukoll xi lokalitajiet mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott, għal darb'oħra sempliċiment b'riżultat ta' riformi politiċi, mingħajr ma nbidlet id-definizzjoni taż-żona.

Biex tiġi żgurata ċarezza akbar u biex diġà jiġi rifless fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott l-għan futur li l-profil speċifiku għaż-żona jikber fil-popolarità, il-lokalitajiet ġew elenkati taħt iż-żoni rispettivi tagħhom fid-DOP Baden.

Iż-żona tad-DOP Baden trid tiġi ddefinita b'mod preċiż ħafna, sabiex ma jkunx hemm ambigwitajiet. Ir-raġuni għal dan hija biex il-produtturi, l-awtoritajiet kompetenti u l-korpi ta' kontroll ikunu jistgħu jidentifikaw iż-żona ġeografika b'mod ċar. Għal dan il-għan huma meħtieġa kemm il-mapep li juru d-definizzjoni preċiża skont ir-roqgħa kif ukoll it-tabelli li jelenkaw l-irqajja' rilevanti kollha. Għal din ir-raġuni, it-tabelli li jelenkaw l-irqajja' rilevanti kollha u l-mapep li juru d-definizzjoni bbażata fuq l-irqajja' ġew annessi mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott. Il-mapep jistgħu jiġu kkonsultati fuq www.ble.de/eu-qualitaetskennzeichen-wein.

Id-deskrizzjoni tar-rabta maż-żona ġeografika ġiet iċċarata sabiex l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi adattata għar-realtà tal-kundizzjonijiet fil-prattika. Iż-żieda tal-kategorija ta' most tal-għeneb iffermentat parzjalment, li diġà kienet parti mill-ispeċifikazzjoni tal-prodott, hija purament editorjali u għalhekk titqies bħala emenda standard.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid

"Baden"

Numru ta' referenza tal-UE: PDO-DE-A1264-AM02 — 17.9.2026

1. **Isem/Ismijiet**

Baden

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☑ DOP

☐ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

Il-Ġermanja

4. **Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143**

2204 — Inbid tal-għeneb frisk, inkluż l-inbejjed imqawwija; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

5. **Kategoriji ta' prodotti tad-dwieli kif elenkati fil-Parti II tal-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013**

Inbid

Inbid likur

Inbid spumanti ta' kwalità

Inbid semifrizzanti

Most tal-għeneb iffermentat parzjalment

6. **Deskrizzjoni tal-inbid jew tal-inbejjed**

Prodott tad-dwieli

Inbid, abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Isfar ċar għal lewn id-deheb b'tonalitajiet jagħtu fl-aħdar, lewn il-fidda jew kemxejn jagħtu fl-aħmar.

Aroma

Normalment friska u ta' frott, iżda wkoll b'noti li jvarjaw minn fjuri għal ħxejjex u ħwawar.

Togħma

Struttura tal-aċidu minn eleganti sa ġentili. Skont il-metodu tat-tqaddim użat, l-inbejjed jista' jkollhom ukoll struttura fenolika impressjonanti, aromi ta' xiwi jew injam, u finitura lixxa.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, aħmar

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, aħmar medju għal skur, xi drabi b'laqtiet li jagħtu fil-kannella sal-blu jew saħansitra l-vjola.

Aroma

Aromi li jfakkru fiċ-ċirasa u f'bakek ċari sa skuri, possibbilment b'noti ta' ħwawar sa noti qawwija ta' xiwi jew injam.

Togħma

Togħma delikata sa rikka u struttura ta' aċidu moderata. Skont il-metodu tat-tqaddim użat, fenoliċi sottili sa qawwija.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, blanc de noirs

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Il-kulur tal-inbid abjad tipiku tar-reġjun.

Aroma

Minn fjuri sa frott, saħansitra b'noti kemxejn ta' ħwawar.

Togħma

Normalment aċidità ħafifa sa delikata.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, Rotling

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar sa aħmar ċar qawwi, xi drabi saħansitra aħmar lewn is-salamun.

Aroma

Ta' frott, xi drabi saħansitra ta' ħwawar, b'noti ta' bakek, frott biż-żerriegħa u frott taċ-ċitru.

Togħma

Normalment togħma delikata sa rikka u struttura ta' aċidu vivaċi.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Effervexxenza li tispikka sa qawwija.

Aroma

Ta' frott sa misjura u tal-ħmira, bi struttura ta' aċidu vivaċi.

Togħma

Aromi eleganti u ta' frott b'mod delikat. Skont il-varjetà użata, ivarjaw minn vivaċi u ħfief sa sostanzjali b'sawra bellusija u, l-aktar l-aktar, struttura ta' tannini moderata.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, aħmar

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, bi bżieżaq fini jew ragħwa fina, aħmar medju sa skur, xi drabi b'laqtiet li jagħtu fil-kannella jew fil-blu.

Aroma

Aromi li b'mod predominanti jfakkru fil-frott u l-ħwawar.

Togħma

Noti li jingħarfu ta' tannini, l-aktar b'saħħithom fil-palat, xi drabi b'noti ta' injam.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, roża

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, bi bżieżaq fini jew raġħwa fina, roża ċar sa aħmar ċar, xi drabi bi sfumatura lewn id-deheb ħamrani jew tagħti fil-blu. L-inbejjed Weißherbst jista' jkollhom ukoll il-kulur tal-inbid abjad. L-inbejjed blanc de noir għandhom il-kulur tal-inbid abjad, l-aktar l-aktar bi sfumatura ħamra ħafifa.

Aroma

Aromi li b'mod predominanti jfakkru fil-frott u l-ħwawar.

Togħma

Skont il-varjetajiet tad-dwieli u l-età, ivarjaw minn ħfief sa sostanzjali fit-togħma, b'aċidità fil-biċċa l-kbira ħafifa u b'noti ta' tannini mhux aktar minn minimi.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—

Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, rożè

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, roża ċar għal aħmar ċar, xi drabi bi sfumatura lewn id-deheb fl-aħmar jew li tagħti fil-blu. L-inbejjed Weißherbst jista' jkollhom ukoll il-kulur tal-inbid abjad.

Aroma

Żahar, bakek ħomor u frott. B'possibbiltajiet ukoll ta' aromi ta' ħwawar u noti ħfief ta' tannini.

Togħma

Normalment aċidità ħafifa sa delikata.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, blanc de noirs

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

L-inbejjed blanc de noir ġeneralment isiru bl-istess mod bħall-inbid abjad u jaqgħu fil-medda tal-kulur tal-inbejjed bojod tipiċi tar-reġjun.

Aroma

Minn fjuri sa frott, saħansitra b'noti kemxejn ta' ħwawar.

Togħma

Normalment aċidità ħafifa sa delikata.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, Rotling

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar sa aħmar ċar qawwi, xi drabi saħansitra aħmar lewn is-salamun.

Aroma

Ta' frott, xi drabi saħansitra ta' ħwawar, b'noti ta' bakek, frott biż-żerriegħa u frott taċ-ċitru.

Togħma

Togħma delikata sa rikka u struttura ta' aċidu vivaċi.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid, Badisch Rotgold

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Roża ċar sa aħmar ċar, xi drabi bi sfumatura ta' deheb fl-aħmar jew li tagħti fil-blu.

Aroma

Aromi li jfakkru fiż-żahar, il-frott u l-ħwawar.

Togħma

Robusta b'mod ġentili sa sostanzjali b'aċidità fil-biċċa l-kbira ħafifa.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

Coupage ta' Grauburgunder u Spätburgunder.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, abjad

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Effervexxenza li tispikka sa qawwija.

Aroma

Ta' frott sa misjura u tal-ħmira, bi struttura ta' aċidu vivaċi.

Togħma

Aromi eleganti u ta' frott b'mod delikat. Skont il-varjetà użata, ivarjaw minn vivaċi u ħfief sa sostanzjali b'sawra bellusija u, l-aktar l-aktar, struttura ta' tannini moderata.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, aħmar

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, bi bżieżaq fini jew raġħwa fina, aħmar medju sa skur, xi drabi b'laqtiet li jagħtu fil-kannella jew fil-blu.

Aroma

Aromi li b'mod predominanti jfakkru fil-frott u l-ħwawar.

Togħma

Noti li jingħarfu ta' tannini, l-aktar b'saħħithom fil-palat, xi drabi b'noti ta' injam.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, rożè

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, bi bżieżaq fini jew ragħwa fina, roża ċar sa aħmar ċar, xi drabi bi sfumatura lewn id-deheb ħamrani jew tagħti fil-blu. L-inbejjed Weißherbst jista' jkollhom ukoll il-kulur tal-inbid abjad. L-inbejjed blanc de noir għandhom il-kulur tal-inbid abjad, l-aktar l-aktar bi sfumatura ħamra ħafifa.

Aroma

Aromi li b'mod predominanti jfakkru fil-frott u l-ħwawar.

Togħma

Skont il-varjetajiet tad-dwieli u l-età, ivarjaw minn ħfief sa sostanzjali fit-togħma, b'aċidità fil-biċċa l-kbira ħafifa u b'noti ta' tannini mhux aktar minn minimi.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid spumanti ta' kwalità, Rotling

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Ċar, bi bżieżaq fini jew ragħwa fina, roża ċar sa aħmar ċar, xi drabi bi sfumatura lewn id-deheb ħamrani jew tagħti fil-blu. L-inbejjed Weißherbst jista' jkollhom ukoll il-kulur tal-inbid abjad. L-inbejjed blanc de noir għandhom il-kulur tal-inbid abjad, l-aktar l-aktar bi sfumatura ħamra ħafifa.

Aroma

Aromi li b'mod predominanti jfakkru fil-frott u l-ħwawar.

Togħma

Skont il-varjetajiet tad-dwieli u l-età, ivarjaw minn ħfief sa sostanzjali fit-togħma, b'aċidità fil-biċċa l-kbira ħafifa u b'noti ta' tannini mhux aktar minn minimi.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid semifrizzanti

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Bżieżaq fini sa distinti. Skont it-tip ta' nbid, komparabbli ma' dik deskritta għall-inbejjed bojod, rożè, Weißherbst, blanc de noir, Rotling jew ħomor.

Aroma

Skont it-tip ta' nbid, komparabbli ma' dik deskritta għall-inbejjed bojod, rożè, Weißherbst, blanc de noir, Rotling jew ħomor.

Togħma

Bżieżaq delikati fil-palat. Karattru fin ta' frott u freskezza.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Most tal-għeneb iffermentat parzjalment

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

Skont il-varjetajiet ta' dwieli użati, hija mdardra b'kulur jagħti fl-abjad, jagħti fl-aħdar jew jagħti fl-isfar.

Aroma

Togħma ta' frott li tfakkar fil-most.

Togħma

Aroma fermentata ċara.

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi organolettiċi

—

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum):	—
Qawwa alkoħolika effettiva minima (f'% tal-volum):	—
Aċidità totali minima:	—
Unità ta' aċidità totali minima:	—
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru):	—
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru):	—

Informazzjoni addizzjonali dwar il-karatteristiċi analitiċi

Għall-karatteristiċi analitiċi fejn ma tingħata l-ebda ċifra, tapplika l-leġiżlazzjoni kurrenti.

☑ Kwalunkwe karatteristika analitika li mhijiex indikata f'din it-taqsima hija fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE.

Prodott tad-dwieli

Inbid likur

Karatteristiċi organolettiċi

Apparenza viżiva

